# FIL-QORTI CIVILI PRIM’ AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 3 ta’ Frar 2025**

**Wara l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1511/2022 fl-istess ismijiet:**

**Miguel Saliba (KI 179687M)**
**vs.**
**Sabrina Debattista (KI 499486M)**

**Rikors numru 473/2024 ta’ Sabrina Debattista fis-sensi tal-artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta:**

**Il-Qorti**

1. Rat ir-rikors tas-sekwestrata Sabrina Debattista fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar il-mandat ta' sekwestru infraskritt in toto stante li s-sekwestrant ma fetaħ ebda kawża fiż-żmien li trid il-Liġi u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hija talbet ukoll lil din il-Qorti sabiex fis-sensi tal-art 836(8)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta tordna lis-sekwestrant sabiex iħallas il-penali skont il-Liġi.

2. Rat id-digriet tat-23 ta’ Mejju 2024 fejn il-Qorti appuntat dan ir-rikors għas-smiegħ għall-4 ta’ Lulju 2024. Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta’ Lulju 2024 u dak tas-16 ta’ Settembru 2024 fejn allura r-rikorrenta informat lil Qorti li kellha indikazzjoni li s-sekwestrant kien imsiefer fit-Tajlandja u talbet żmien biex tirregola ruħha.

3. Rat ir-rikors tal-20 ta’ Settembru 2024 fejn ir-rikorrenta talbet li jiġu maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-sekwestrant nonche d-digriet ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Settembru 2024 fejn ordnat il-ħatra tal-kuraturi deputati prevja l-konferma bil-

ġurament da parti tar-rikorrenta li s-sekwestrant kien jinsab barra minn Malta liema konferma saret b'nota ġuramentata datata 1 t'Ottubru 2024 fejn ir-rikorrenta rribadiet li s-sekwestrant kien emigra barra minn Malta b'indikazzjoni li kien qed jirrisjedi fit-Tajlandja.

4. Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Novembru 2024 fejn il-Qorti ordnat il-ħruġ tal-bandi;

5. Rat li fi żmien sitt ijiem mit-twaħħil tal-bandu ħadd ma jirriżulta li deher sabiex jidħol għalih;

6. Rat id-digriet tas-26 ta' Novembru 2024 fejn din il-Qorti ħatret lil Av. Alexia Attard u lil PL Daniel Aquilina bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-Liġi.

7. Rat li fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2024 deher Martin Saliba li ddikjara li kien missier ir-rikorrent u li kien ukoll assistit minn Dr. Tonio Azzopardi. Il-Qorti ġiet informata seduta stante li Martin Saliba kellu prokura minn ibnu s-sekwestrant sabiex ikun jista' jirrappreżentah sabiex ikun jista' jidher minfloku f'din il-proċedura. Huwa eżebixxa wkoll kopja ta' din il-prokura fl-atti ta' din il-proċedura.

8. Rat li matul dik is-seduta l-partijiet trattaw fil-qosor it-talba u Dr. Gaglione filwaqt li ħadet konjizzjoni tal-prokura talbiex żmien sabiex tirregola ruħha. Il-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni għas-seduta tal-14 ta' Jannar 2025.

9. Rat li fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2025 is-sekwestrant, Martin Saliba u Dr. Tonio Azzopardi msejħa diversi drabi ma dehrux. Il-Qorti ddifferiet din il-proċedura għas-seduta tat-28 ta' Jannar 2025 sabiex Dr. Azzopardi jagħmel kwalunkwe sottomissjoni li jidhirlu opportuna, ben intiż li wara dik is-seduta l-Qorti kienet sejra tgħaddi sabiex tiddekreta l-istess rikors.

10. Rat li fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2025 Miguel Saliba, Martin Saliba u Dr. Tonio Azzopardi imsejjħin diversi drabi f'ħinijiet differenti ma dehrux. Il-kawża għalhekk tħalliet għad-digriet kamerali.

**Ikkunsidrat**

**It-talba tar-rikorrenti għat-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru ibbażata fuq l-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

11. Taħt l-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-att kawtelatorju jista' jitneħħa fil-każ li l-att kawtelatorju ma jkunx għadu aktar fis-seħħ.

12. Minkejja dak misjub taħt l-artikolu 836(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat xorta waħda li s-sekwestrant jiġi notifikat bir-rikors de quo sabiex ikun jista' jwieġeb għalih u l-Qorti tisma' wkoll dak li kellu x'jgħid. Minkejja dan is-sekwestrant, għalkemm debitament notifikat billi deher ukoll missieru għalih skont kif jidher mis-seduta tat-28 ta' Novembru 2024 jirriżulta li ma baqgħux isegwu iżjed din il-kawża minkejja d-differimenti li l-Qorti kkonċeditilhom.

13. It-talba tar-rikorrenta kienet issegwi l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra tagħha li jġib in-numri 1151/2022. Skont l-art 849 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet tal-art. 843 tal-istess Kap jgħoddu għal dan l-att kawtelatorju. L-art 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi li r-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat. Mill-atti ta' dan il-każ ma jirriżultax li fil-fatt dan il-mandat ta' sekwestru ġie segwit bil-kawża fit-terminu stabbilit. L-anqas ma s-sekwestrant wieġeb għal dan jew oppona billi juri li fil-fatt huwa wettaq dak meħtieġ minnu billi preżenta l-kawża fit-terminu statutorju.

**Għalhekk it-talba tar-rikorrenta għat-tħassir tal-att kawtelatorju de quo tirriżulta ġustifikata u sejra tiġi milqugħa.**

**Talba għal imposizzjoni ta' penali u danni fis-sensi tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

14. Ir-rikorrenta għamlet ukoll talba sabiex is-sekwestrant jiġi kkundannat iħallas penali abbażi tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. Din il-proċedura ta' impożizzjoni ta' penali ġiet ritenuta bħala kwistjoni ta' ordni pubbliku. Biex din il-penali setgħet tiġi imposta kien biżżejjed li r-rikorrent jipprova li tkun seħħet xi waħda minn dawn iċ-

ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu 8 fejn dawn ir-raġunijiet ma kienux kumulattivi iżda alternattivi għal xulxin. Il-penali, isimhom magħhom, kienu forma ta' 'piena', sanzjoni, imposta mil-liġi fil-każijiet fejn tkun ġiet ippruvata almenu waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu 8. Peress li jagħtu lok għal penali, dawn iċ-ċirkostanzi kienu eżawrjenti u ma kienx jgħodd li jiżdiedu r-raġunijiet oħra magħhom. Għalhekk dawn iċ-ċirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8) kellhom jitqiesu bħala tassativi.[1]

16. Dawn il-penali jsibu il-bażi u r-raġuni tagħhom fuq in-neċessità li tiġi mħarsa s-serjeta li trid il-liġi fit-tħaddim tal-istitut tal-mandati kawtelatorji. Dan l-istitut jaf ikollu jħalli effetti serji immens fuq il-ħajja, saħħa, integrità jew disponibbiltà patrimonjali tal-persuna milquta mill-ħruġ tal-mandat. Għalhekk daqskemm il-liġi kienet tippermetti l-użu leġittimu, xieraq u in *bona fede* ta' dawn il-mandati biex persuna tikkawtela l-jeddijiet tagħha meta u fejn jixraq, daqstant ieħor l-istess liġi kienet tħares bl-ikraħ lejn min juża dawn il-miżuri għal skopijiet ħżiena, b'qerq jew b'animu ħażin. Dan għaliex il-liġi ma riedetx min jabbuża minn proċess ġudizzjarju; u min jażżarda jagħmel dan imbagħad kien irid iwieġeb għal għemilu billi jeħel is-sanzjoni imsemmija fil-liġi.[2]

17. Għalhekk, meta persuna tiġi biex titlob il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju hija riedet, *inter alia*, tqis:

a) Li jkollha pretensjoni x'tikkawtela li tkun vera, leġittima u dimostrabbli;
b) li jkollha l-ħtieġa li tirrikorri għal ħruġ ta' mandati kawtelatorji biex tikkawtela dik il-pretensjoni;
c) li jkollha ġustifikazzjoni fil-ħruġ ta' dak il-mandat;
d) li salv f'każijiet urġenti, il-ħruġ ta' dak il-mandat kawtelatorju ma jkunx sar ħin qabel il-waqt jew mingħajr ma l-intimat ikun ġie msejjaħ biex jagħmel tajjeb għall-pretenzjoni tar-rikorrent;
e) li salv f'każijiet urġenti, u f'każ ta' dejn mhux likwidu, li tkun talbet lill-intimat jipprovdi sigurtà biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-pretenzjoni tar-rikorrent;
f) in-nuqqas ta' raġonevolezza tal-ħruġ ta' dak il-mandat meta l-intimat ikun magħruf sew li ma jkollux problemi ta' likwidità u fejn

[1] Ara **Spiteri vs. Darmanin** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awissu 2010 kif ukoll **Cole Foods Limited vs. Euro Imports Limited** deċiża mill-Prm Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 2003.
[2] Ara **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament ippreseduta fit-18 ta' Settembru 2002.

ma jkunx hemm raġuni li dik il-persuna tiddubita mill-likwidità tal-intimat u l-kapaċità tiegħu li jħallas u jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha;

g) li it-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju tkun saret in buona fede u ma tkunx saret b'malizzja jew inkella tkun frivola jew vessatorja; u

h) li tkun segwiet it-talba għall-ħruġ tal-mandat bil-proċedura ġudizzjarja għall-aċċertament tal-jeddijiet pretiżi minnha li jkunu jaqblu u jsegwu mal-kawżali indikati fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju fiż-żmien stabbilit mil-liġi.

18. Fil-każ li persuna tkun ottjeniet il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju bi ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-raġunijiet imsemmija fil-liġi, il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ dak il-mandat kellha r-rimedju mogħti lilha mil-liġi mhux biss li titlob it-tħassir tal-mandat kollu kemm hu jew parti minnu fis-sens ta' l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; iżda saħansitra li titlob lill-Qorti biex twaħħal lil min ikun ħareġ dak il-mandat kawtolatorju dik il-penali imsemmija fil-liġi.[3] Għalhekk f'dak il-każ dik il-persuna mbagħad tkun qiegħda tesponi lilha nnifisha għal possibiltà li tiġi sanzjonata mill-Qorti billi tiġi kkundannata tħallas il-penali li kienet issemmi il-Liġi fl-artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[4]

19. Il-Liġi kienet tipprevedi l-possibbilta li persuna li fuq talba tagħha jkun inħareġ mandat kawtelatorju setgħet tiġi ritenuta ukoll passabbli għad-danni mill-persuna li kontriha jkun sar dak l-att. Dawn id-danni kienu dawk li dik il-persuna setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat. F'dawn il-'kawżi', il-Qorti kellha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni.

20. Kif ritenut fil-każ **Paul Attard nomine vs. Loreto Abela** deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Mejju 2005:

> Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandat kawtelatorju, kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin; l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri jgħid li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għall-ħsara

[3] U dan oltre dak previst mill-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta iżda f'dan il-każ il-Qorti mhix se tiddelunga wisq fuqu in kwantu ma kienx hemm talba appożżita għal danni wkoll taħt dan is-subartikolu.

[4] Ara **Farrugia vs. C&F Building Contractors Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Awissu 2014.

mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd (**qui suo jure utitur neminem laedere videtur**); It-tieni wieħed huwa dak li jekk li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorità ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn.

21. F'dan il-każ il-qorti wara li qieset ukoll is-suespost:

i. Li l-mandat ta' sekwestru ma ġiex segwit mill-kawża fit-terminu statutorju;
ii. Is-sekwestrant ma forna ebda spejgazzjoni jew ġustifikazzjoni għal dan in-nuqqas;
iii. Anzi rriżulta pruvat li s-sekwestrant telaq minn Malta u għalkemm ħalla prokuratur lil missieru, ma jirriżultax li s-sekwestrant ħa interess biżżejjed biex ikompli jsegwi anke din il-proċedura.

**Konsegwentement il-Qorti tqis li r-rikorrenta rnexxielha turi li kien hemm l-estremi meħtieġa f'dan l-istadju biex tqis lis-sekwestrant bħala suġġettibbli għal penali skont il-liġi. F'dan is-sens allura l-Qorti sejra tikkundanna lis-sekwestrant għall-ħlas ta' penali lir-rikorrenta, għalkemm fil-minimum tagħhom, ossija fl-ammont ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).**

# KONKLUŻJONI

**Għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda:**

**(a) Tilqa' l-ewwel talba u tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jġib in-numri 1151/2022;**

**(b) Tilqa' t-tieni talba għal imposizzjoni ta' penali fis-sensi tal-art 836(8)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tikkundanna lis-sekwestrant sabiex iħallas il-penali ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) lir-rikorrenta sekwestrata.**

| | |
|---|---|
| **Aaron M. Bugeja** | **Christianne Borg** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |